**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-29 ta' Novembru 2007**

**li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5777)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/777/KE)

(ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/638/KE tat-30 ta' Lulju 2008 | L 207 | 24 | 5.8.2008 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/817/KE tat-22 ta' Ottubru 2008 | L 283 | 49 | 28.10.2008 |
| ►M3 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/864/KE tat-30 ta' Novembru 2009 | L 314 | 97 | 1.12.2009 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 925/2010 tal-15 ta' Ottubru 2010 | L 272 | 1 | 16.10.2010 |
| ►M5 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 536/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011 | L 147 | 1 | 2.6.2011 |
| ►M6 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2011 tal-5 ta' Ottubru 2011 | L 261 | 19 | 6.10.2011 |
| ►M7 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2012 tad-9 ta' Frar 2012 | L 37 | 50 | 10.2.2012 |
| ►M8 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 532/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 | L 163 | 1 | 22.6.2012 |
| ►M9 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/479/UE tal-14 ta' Awwissu 2012 | L 219 | 23 | 17.8.2012 |
| ►M10 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1036/2012 tas-7 ta' Novembru 2012 | L 308 | 13 | 8.11.2012 |
| ►M11 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1162/2012 tas-7 ta' Diċembru 2012 | L 336 | 17 | 8.12.2012 |
| ►M12 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 88/2013 tal-31 ta' Jannar 2013 | L 32 | 8 | 1.2.2013 |
| ►M13 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/104/UE tal-21 ta' Frar 2013 | L 51 | 16 | 23.2.2013 |
| ►M14 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/217/UE tat-8 ta' Mejju 2013 | L 129 | 38 | 14.5.2013 |
| ►M15 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 | L 158 | 74 | 10.6.2013 |
| ►M16 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/292/UE tal-14 ta' Ġunju 2013 | L 164 | 27 | 18.6.2013 |
| ►M17 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/436/UE tat-13 ta' Awwissu 2013 | L 220 | 46 | 17.8.2013 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►M18 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/175/UE tas-27 ta' Marzu 2014 | L 95 | 31 | 29.3.2014 |
| ►M19 | Deċiżjoni ta' 2014/759/UE Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2014 | L 311 | 78 | 31.10.2014 |
| ►M20 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/204 tas-6 ta' Frar 2015 | L 33 | 45 | 10.2.2015 |
| ►M21 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/216 tal-10 ta' Frar 2015 | L 36 | 11 | 12.2.2015 |
| ►M22 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/252 tat-13 ta' Frar 2015 | L 41 | 52 | 17.2.2015 |
| ►M23 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/267 tas-17 ta' Frar 2015 | L 45 | 19 | 19.2.2015 |
| ►M24 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/349 tat-2 ta' Marzu 2015 | L 60 | 68 | 4.3.2015 |
| ►M25 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/536 tas-27 ta' Marzu 2015 | L 86 | 154 | 31.3.2015 |
| ►M26 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/911 tal-11 ta' Ġunju 2015 | L 148 | 25 | 13.6.2015 |
| ►M27 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1353 tat-3 ta' Awwissu 2015 | L 208 | 36 | 5.8.2015 |
| ►M28 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/41 tal-14 ta' Jannar 2016 | L 11 | 8 | 16.1.2016 |
| ►M29 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/887 tat-2 ta' Ġunju 2016 | L 148 | 6 | 4.6.2016 |
| ►M30 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1781 tal-5 ta' Ottubru 2016 | L 272 | 88 | 7.10.2016 |
| ►M31 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1832 tas-17 ta' Ottubru 2016 | L 280 | 13 | 18.10.2016 |
| ►M32 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/193 tat-3 ta' Frar 2017 | L 31 | 13 | 4.2.2017 |
| ►M33 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/622 tal-31 ta' Marzu 2017 | L 89 | 11 | 1.4.2017 |
| ►M34 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1461 tat-8 ta' Awwissu 2017 | L 208 | 46 | 11.8.2017 |

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 276, 17.10.2008, p. 50 (2007/777/KE)

▼B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' Novembru 2007

## li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5777)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/777/KE)

*Artikolu 1*

**Is-suġġett u l-għan**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet lejn il-Komunità u t-tranżitu u l-ħażna fil-Komunità, ta' kunsinni ta':

(a) prodotti tal-laħam kif definiti fil-punt 7.1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; kif ukoll

(b) l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati, kif definit fil-punt 7.9 ta' dan l-Anness, li jkunu għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fl-Anness II Parti 4 ta' din id-Deċiżjoni.

Dawn ir-regoli għandhom jinkudu l-listi ta' pajjiżi terzi u partijiet minnhom li minnhom għandhom jiġu awtorizzati importazzjonijiet bħal dawn kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati u r-regoli tas-saħħa pubblika u tas-saħħa ta' l-annimali dwar l-oriġini u t-trattamenti meħtieġa għal dawn l-importazzjonijiet.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għad-Deċiżjoni 2004/432/KE u d-Deċiżjoni 2003/779/KE.

*Artikolu 2*

**Kunidizzjonijiet li jikkonċernaw l-ispeċi u l-annimali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-Komunità jiġu importati biss kunsinni tal-prodotti tal-laħam u dawk ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati, ġejjin minn laħam jew minn prodotti tal-laħam mill-ispeċijiet jew mill-annimali li ġejjin:

(a) tjur inklużi l-pollam, dundjani, fargħuni, papri, wiżż, summien, ħamiem, faġani u perniċi mkabbra jew miżmuma f'kaptività għal tkabbir, il-produzzjoni tal-laħam u l-bajd għal konsum, jew biex iżidu l-provvista tat-tjur;

(b) annimali domestiċi ta' l-ispeċijiet li ġejjin: annimali bovini, inklużi l-*Bubalus bubalis* u *l-Bison bison*, il-ħnieżer, in-nagħaġ, il-mogħoż u s-solipedi;

▼B

(c) fniek u liebri, u annimali tal-kaċċa mrobbija, kif definit fil-punt 1.6 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) annimali tal-kaċċa selvaġġi, kif definit fil-punt 1.5 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali li jikkonċernaw l-oriġini u t-trattament tal-prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti tal-laħam kif ukoll ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati li:

▼C1

(a) huma konformi mal-kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-oriġini u t-trattament stipulati fl-Anness I(1) jew (2); kif ukoll

▼B

(b) joriġinaw fil-pajjiżi terzi u partijiet minnhom kif ġej:

(i) fil-każ tal-prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati li mhumiex soġġetti għal trattament speċifiku kif jissemma fil-punt 1(b) ta' l-Anness I, il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 2 ta' l-Anness II u l-partijiet mill-pajjiżi terzi elenkati fit-Taqsima 1 ta' dak l-Anness;

(ii) fil-każ tal-prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren li huma soġġetti għal trattament speċifiku kif jissemma fil-punt 2(a)(ii) ta' l-Anness I, il-pajjiżi terzi elenkati fil-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II u l-partijiet mill-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti dwar is-saħħa pubblika li jikkonċernaw il-laħam frisk użat fil-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati li għandhom jiġu importati fil-Komunità u ċ-ċertifikati dwar is-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) fil-Komunità jiġu importati biss kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati u li huma miksuba minn laħam frisk, kif definit fil-punt 1.10 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huwa konformi mar-rekwiżiti Komunitarji dwar is-saħħa pubblika;

(b) fil-Komunità jiġu importati biss kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati li huma konformi mar-rekwiżiti tal-mudell taċ-ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika kif stipulat fl-Anness III;

▼B

(c) dan iċ-ċertifikat jakkumpanja kunsinni bħal dawn u jkun komplut u ffirmat kif xieraq mill-veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz ta' esportazzjoni.

*Artikolu 5*

**Kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati fi tranżitu jew maħżuna fil-Komunità**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kunsinni tal-prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati, introdotti ġewwa l-Komunità u li huma maħsuba għall-pajjiż terz jew bi transitu minnufih jew wara l-ħażna skond l-Artikolu 12(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, u li mhumiex maħsuba għall-importazzjoni ġewwa l-Komunità għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) li huma ġejjin mit-territorju ta' pajjiż terz jew parti minnu mniżżel fl-Anness II u li għaddew mit-trattament minimu għall-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati ta' l-ispeċi msemmija fih;

(b) li huma konformi mal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali għall-ispeċi kkonċernata stipulata fil-mudell taċ-ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika fl-Anness III;

(c) li huma akkumpanjati minn ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali magħmul skond il-mudell imfassal fl-Anness IV, iffirmat kif xieraq minn veterinarju uffiċjali ta' pajjiż terz ikkonċernat;

(d) li huma ċċertifikati bħala aċċettabbli għat-transitu u għall-ħażna, kif xieraq, fuq id-dokument komuni veterinarju tad-dħul mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' ispezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni ġewwa l-Komunità.

*Artikolu 6*

**Deroga għal ċerti destinazzjonijiet fir-Russja**

1. B'deroga mill-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-tranżitu fit-triq jew bil-ferrovija madwar il-Komunità, bejn postijiet magħrufa ta' spezzjoni fuq il-fruntiera mniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni 2001/881/KE, tal-kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati li ġejjin minn u li huma ddestinati għar-Russja direttament jew permezz ta' pajjiż terz ieħor sakemm dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-kunsinna għandha tiġi ssiġillata b'siġill innumerat f'serje mill-veterinarju uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' l-introduzzjoni fil-Komunità;

(b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna u msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom ikunu ttimbrati "GĦAT-TRANSITU BISS LEJN IR-RUSSJA VIA L-KE" fuq kull paġna mill-veterinarju uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' l-introduzzjoni fil-Komunità;

▼B

(ċ) ir-rekwiżiti proċedurali mogħtija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jitħarsu;

(d) il-kunsinna għandha tiġi ċċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu fuq id-dokument komuni veterinarju tad-dħul mill-veterinarju uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti tal-post ta' ispezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni fil-Komunità.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw il-ħatt jew il-ħażna, kif definit fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fil-Komunità ta' kunsinni bħal dawn.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tagħmel verifiki regolari biex tiżgura li l-għadd ta' kunsinni u ta' kwantitajiet ta' prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati, li ġejjin jew li huma ddestinati għar-Russja, u li qed jitilqu mill-Komunità jaqbel ma' l-għadd u l-kwantitajiet li deħlin fil-Komunità.

▼M16

*Artikolu 6a*

**Deroga għat-tranżitu fil-Kroazja, ta' konsenji li jkunu ġejjin mill-Bosnja-Ħerzegovina u destinati lejn pajjiżi terzi**

1. B'deroga mill-Artikolu 5, it-tranżitu dirett bit-triq fl-Unjoni, bejn il-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' Nova Sela u Ploče, ta' konsenji li jkunu ġejjin mill-Bosnja-Ħerzegovina u destinati lejn pajjiżi terzi, għandu jiġi awtorizzat jekk ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-konsenja tkun issiġillata b'siġill innumerat f'serje fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul;

(b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-konsenja u li jissemmew fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE jkunu ttimbrati "GĦAL TRANŻITU FL-UE LEJN PAJJIŻI TERŻI, BISS" fuq kull paġna mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul;

(c) ikun hemm konformità mar-rekwiżiti proċedurali previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE;

(d) il-konsenja tkun iċċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu fid-Dokument Veterinarju Komuni ta' Dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 ([1]) mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul.

([1]) ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11.

▼M16

2. Il-ħatt jew il-ħżin, kif definiti fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, ta’ dawn il-konsenji fl-Unjoni ma għandux jiġi permess.

3. L-awtorità kompetenti trid twettaq verifiki b’mod regolari biex tiżgura li l-għadd ta’ konsenji u l-kwantitajiet ta’ prodotti li jħallu l-Unjoni jaqbel mal-għadd u l-kwantitajiet li jkunu qed jidħlu fl-Unjoni.

▼B

*Artikolu 7*

**Dispożizzjoni tranżitorja**

Kunsinni li għalihom inħarġu ċertifikati veterinarji qabel l-1.5.2008 skond il-mudelli stabbiliti bid-Deċiżjoni 2005/432/KE għandhom jiġu aċċettati għall-importazzjoni lejn il-Komunità sa l-1.6.2008.

*Artikolu 8*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2005/432/KE hija rrevokata.

*Artikolu 9*

**Data ta’ l-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta’ Diċembru 2007.

*Artikolu 10*

**Id-destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

1. Prodotti tal-laħam kif ukoll ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsarem ttrattati li joriġinaw mill-pajjiżi terzi jew minn partijiet minnhom imsemmija fl-Artikolu 3(b)(i) ta' din id-Deċiżjoni:

   (a) irid ikun fihom laħam eliġibbli għall-importazzjoni fil-Komunità bħala laħam frisk, kif definit fil-punt 1.10 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; kif ukoll

   (b) għandhom ikunu ġejjin minn speċi wieħed jew iżjed ta' annimali li jkunu għaddew minn trattament mhux speċifiku kif stipulat fil-punt A Parti 4 ta' l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

2. Prodotti tal-laħam kif ukoll ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsarem ttrattati li joriġinaw mill-pajjiżi terzi jew minn partijiet minnhom, kif imsemmija fl-Artikolu 3(b)(ii) għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stipulati f'(a), (b) jew (c) ta' dan il-punt:

   (a) il-prodotti tal-laħam u/jew ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati:

      (i) irid ikun fihom laħam u/jew prodotti tal-laħam li ġejjin minn speċi waħda jew minn annimal wieħed kif stipulat taħt il-kolonna rilevanti fil-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II li tindika l-ispeċi jew l-annimal ikkonċernat; kif ukoll

      (ii) iridu jkunu għaddew għall-inqas mit-trattament speċifiku meħtieġ għal-laħam ta' dik l-ispeċi jew ta' dak l-annimal kif stipulat fil-Parti 4 ta' l-Anness II;

   (b) il-prodotti tal-laħam u/jew ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati:

      (i) irid ikun fihom laħam frisk, ipproċessat jew parzjalment ipproċessat ta' aktar minn speċi waħda jew ta' aktar minn annimal wieħed, kif stipulat taħt il-kolonna rilevanti tal-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II li jitħalltu flimkien qabel ma jgħaddu mit-trattament finali tagħhom, kif stipulat fit-Taqsima 4 ta' l-Anness II; kif ukoll

      (ii) iridu jkunu għaddew mit-trattament finali li jissemma f'(i) li jrid ikun iebes għall-inqas daqs l-aktar trattament iebes kif stipulat fil-Parti 4 ta' l-Anness II għal-laħam ta' l-ispeċijiet jew ta' l-annimali kkonċernati, kif stipulat taħt il-kolonna rilevanti fit-Taqsimiet 2 u 3 ta' l-Anness II;

   (c) il-prodotti finali tal-laħam u/jew ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati:

      (i) iridu jitħejjew billi jitħallat il-laħam li ġie ttrattat qabel jew l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati ta' aktar minn speċi waħda jew ta' aktar minn annimal wieħed; kif ukoll

      (ii) iridu jkunu għaddew mit-trattament ta' qabel li jissemma f'(i) li jrid ikun iebes għall-anqas daqs l-aktar trattament rilevanti stipulat fil-Parti 4 ta' l-Anness II għall-ispeċi jew għall-annimal ikkonċernat kif stipulat taħt il-kolonna rilevanti fil-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II għal kull komponent tal-laħam tal-prodott tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati.

3. It-trattamenti deskritti fil-Parti 4 ta' l-Anness II għandhom jikkostitwixxu l-kundizzjonijiet ta' l-ipproċessar li huma l-inqas aċċettabbli għall-finijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-prodotti tal-laħam u għall-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ġejjin mill-ispeċi jew mill-annimal rilevanti li torigina/joriġina fil-pajjiżi terzi jew fil-partijiet mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II.

▼B

Madankollu, fil-każijiet fejn l-importazzjoni ta' ġewwieni mhuwiex awtorizzat skond id-Deċiżjoni 79/542/KEE minħabba fir-restrizzjonijiet Komunitarji dwar is-saħħa ta' l-annimali, dan jista' jiġi importat bħala prodott tal-laħam jew stonku, bużżieqa ta' l-awrina jew imsaren ittrattati jew użat fi prodott tal-laħam sakemm it-trattament rilevanti msemmi fil-Parti 2 ta' l-Anness II jitwettaq u r-rekwiżiti Komunitarji dwar is-saħħa pubblika jkunu ntlaħqu.

Barra minn hekk, stabbiliment minn pajjiż imniżżel fl-Anness II jista' jiġi awtorizzat li jipproduċi prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati li għaddew mit-trattamenti B, C jew D, kif jissemma fil-Parti 4 ta' l-Anness II, anke fejn dak l-istabbiliment jinsab f'pajjiż terz jew f'parti minn pajjiż terz li mhuwiex awtorizzat għall-importazzjonijiet ta' laħam frisk fil-Komunità bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti Komunitarji dwar is-saħħa pubblika jkunu ntlaħqu.

▼B

*ANNESS II*

▼M11

## PARTI 1

### It-territorji reġjonalizzati għall-pajjiżi elenkati fil-partijiet 2 u 3

| Pajjiż | Territorju | | Deskrizzjoni tat-territorju |
|---|---|---|---|
| | Kodiċi ISO | Verżjoni | |
| ▼M29 L-Arġentina | AR | 01/2004 | Il-pajjiż kollu |
| | AR-1 | 02/2016 | It-territorji definiti f'AR-1 u AR-3 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 |
| | AR-2 | 02/2016 | It-territorji definiti f'AR-2 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 |
| Il-Brażil | BR | 01/2004 | Il-pajjiż kollu |
| | BR-1 | 01/2005 | L-Istati ta' Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo u Mato Grosso do Sul |
| | BR-2 | 02/2016 | It-territorji definiti f'BR-1, BR-2, BR-3 u BR-4 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 |
| | BR-3 | 01/2005 | L-Istati ta' Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo |
| | BR-4 | 01/2016 | Distrito Federal, l-Istati ta' Acre, Rondônia, Pará, Tocantins, Maranhão, Piauí, Bahia, Ceará, Rio Grande do Norte, Paraíba, Pernambuco, Alagoas u Sergipe |
| ▼M26 Il-Kanada | CA | 01/2015 | Il-pajjiż kollu |
| | CA-1 | 01/2015 | Il-pajjiż kollu tal-Kanada, ħlief iż-żona CA-2 |
| | CA-2 | 01/2015 | It-territorji tal-Kanada deskritti taħt CA-2 fil-kolonna 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, soġġetta għad-dati msemmija fil-kolonni 6 A u 6B ta' dik it-tabella |

▼M11

| Pajjiż | Territorju | | Deskrizzjoni tat-territorju |
|---|---|---|---|
| | Kodiċi ISO | Verżjoni | |
| Iċ-Ċina | CN | 01/2007 | Il-pajjiż kollu |
| | CN-1 | 01/2007 | Il-Provinċja ta' Shandong |
| Il-Malasja | MY | 01/2004 | Il-pajjiż kollu |
| | MY-1 | 01/2004 | Il-Malasja peniżolari (tal-Punent) biss |
| In-Namibja | NA | 01/2005 | Il-pajjiż kollu |
| | NA-1 | 01/2005 | Lejn in-Nofsinhar mill-perimetru taż-żona magħluqa li jestendi mill-Punt ta' Palgrave fil-Punent sa Gam fil-Lvant |
| Ir-Russja | RU | 04/2012 | Il-pajjiż kollu |
| | RU-1 | 04/2012 | Il-pajjiż kollu ħlief ir-reġjun ta' Kaliningrad |
| | RU-2 | 04/2012 | Ir-reġjun ta' Kaliningrad |
| ▼M32 | | | |
| L-Ukrajna | UA | 01/2016 | Il-pajjiż kollu |
| | UA-1 | 01/2016 | Il-pajjiż kollu tal-Ukrajna, ħlief iż-żona UA-2 |
| | UA-2 | 01/2016 | It-territorji tal-Ukrajna deskritti taħt UA-2 fil-kolonna 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, soġġetta għad-dati msemmija fil-kolonni 6 A u 6B ta' dik it-tabella |
| ▼M25 | | | |
| L-Istati Uniti | US | 01/2015 | Il-pajjiż kollu |
| | US-1 | 01/2015 | Il-pajjiż kollu tal-Istati Uniti, minbarra ż-żona US-2 |
| | US-2 | 01/2015 | It-territorji tal-Istati Uniti deskritti f'US-2 fil-kolonna 3 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([1]) |
| ▼M11 | | | |
| L-Afrika ta' Isfel | ZA | 01/2005 | Il-pajjiż kollu |
| | ZA-1 | 01/2005 | Il-pajjiż kollu ħlief:<br>il-parti taż-żona tal-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, id-distrett ta' Ingwavuma fir-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona konfinali mal-Botswana lejn il-Lvant tal-lonġitudni 28°, u d-distrett ta' Camperdown fil-provinċja ta' KwaZuluNatal. |

▼M25

([1]) Għall-importazzjonijiet skont din id-Deċiżjoni jrid jitqies il-perjodu ta' żmien indikat bid-dati tal-għeluq u tal-ftuħ fil-kolonni 6 A u 6B fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għat-territorji rispettivi.

▼M4

## PARTI 2

**Il-pajjiżi terzi u partijiet minnhom mnejn hija awtorizzata l-introduzzjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati lejn l-UE**

(Ara l-Parti 4 ta’ dan l-Anness għall-interpretazzjoni tal-kodiċi użati f’din it-tabella)

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu | 1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija (ħlief għall-ħnieżer) | Annimali domestiċi ovini / kaprini | 1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer) | Annimali domestiċi solipedi | 1. Tajr 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħlief għar-ratiti) | Annimali ratiti mrobbija | Fniek domestiċi u liebri mrobbija | Annimali tal-kaċċa salvaġġi (minbarra l-ħnieżer) | Ħnieżer salvaġġi | Annimali salvaġġi solipedi | Leporidae salvaġġi (fniek u liebri) | Għasafar tal-kaċċa salvaġġi | Mammali tal-art salvaġġi tal-kaċċa (ħlief għall-ungulati, għas-solipedi u għal-leporidae) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AR | l-Arġentina AR | C | C | C | A | A | A | A | C | C | XXX | A | D | XXX |
| | l-Arġentina AR-1 (1) | C | C | C | A | A | A | A | C | C | XXX | A | D | XXX |
| | l-Arġentina AR-2 (1) | A (2) | A (2) | C | A | A | A | A | C | C | XXX | A | D | XXX |
| AU | l-Awstralja | A | A | A | A | D | D | A | A | A | XXX | A | D | A |
| ▼M34 BA | il-Bożnija-Ħerzegovina (3) | A | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| ▼M4 BH | il-Baħrejn | B | B | B | B | XXX | XXX | A | C | C | XXX | A | XXX | XXX |
| BR | il-Brażil | XXX | XXX | XXX | A | D | D | A | XXX | XXX | XXX | A | D | XXX |
| | il-Brażil BR-1 | XXX | XXX | XXX | A | XXX | A | A | XXX | XXX | XXX | A | A | XXX |
| | il-Brażil BR-2 | C | C | C | A | D | D | A | C | XXX | XXX | A | D | XXX |
| | il-Brażil BR-3 | XXX | XXX | XXX | A | A | XXX | A | XXX | XXX | XXX | A | D | XXX |
| ▼M29 | Il-Brażil BR-4 | B | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| ▼M4 BW | il-Botswana | B | B | B | B | XXX | A | A | B | B | A | A | XXX | XXX |
| BY | il-Belarus | C | C | C | B | XXX | XXX | A | C | C | XXX | A | XXX | XXX |
| ▼M20 CA | Il-Kanada CA | A | A | A | A | XXX | XXX | A | A | A | XXX | A | XXX | A |
| | Il-Kanada CA-1 | A | A | A | A | A | A | A | A | A | XXX | A | A | A |
| | Il-Kanada CA-2 | A | A | A | A | D | D | A | A | A | XXX | A | D | A |

▼M4

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu | 1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija (ħlief għall-ħnieżer) | Annimali domestiċi ovini / kaprini | 1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer) | Annimali domestiċi solipedi | 1. Tajr 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħlief għar-ratiti) | Annimali ratiti mrobbija | Fniek domestiċi u liebri mrobbija | Annimali tal-kaċċa salvaġġi (minbarra l-ħnieżer) | Ħnieżer salvaġġi | Annimali salvaġġi solipedi | Leporidae salvaġġi (fniek u liebri) | Għasafar tal-kaċċa salvaġġi | Mammali tal-art salvaġġi tal-kaċċa (ħlief għall-ungulati, għas-solipedi u għal-leporidae) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CH | l-Isvizzera (*) | | | | | | | | | | | | | |
| CL | iċ-Ċilì | A | A | A | A | A | A | A | B | B | XXX | A | A | XXX |
| CN | ic-Ċina | B | B | B | B | B | B | A | B | B | XXX | A | B | XXX |
| | iċ-Ċina CN-1 | B | B | B | B | D | B | A | B | B | XXX | A | B | XXX |
| CO | il-Kolombja | B | B | B | B | XXX | A | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| ET | l-Etjopja | B | B | B | B | XXX | XXX | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| GL | il-Groenlandja | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | A | XXX | XXX | XXX | A | A | A |
| HK | Ħong Kong | B | B | B | B | D | D | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| ▼M15 ________ | | | | | | | | | | | | | | |
| ▼M21 IL (****) | L-Iżrael | B | B | B | B | D | D | A | B | B | XXX | A | D | XXX |
| ▼M4 IN | l-Indja | B | B | B | B | XXX | XXX | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| IS | l-Islanda | A | A | B | A | A | A | A | A | B | XXX | A | A | XXX |
| ▼M23 JP | Il-Ġappun | A | XXX | B | XXX | D | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| ▼M4 KE | il-Kenja | B | B | B | B | XXX | XXX | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| KR | il-Korea t' Isfel | XXX | XXX | XXX | XXX | D | D | A | XXX | XXX | XXX | A | D | XXX |

▼M4

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu | 1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija (ħlief għall-ħnieżer) | Annimali domestiċi ovini / kaprini | 1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer) | Annimali domestiċi solipedi | 1. Tajr 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħlief għar-ratiti) | Annimali ratiti mrobbija | Fniek domestiċi u liebri mrobbija | Annimali tal-kaċċa salvaġġi (minbarra l-ħnieżer) | Ħnieżer salvaġġi | Annimali salvaġġi solipedi | Leporidae salvaġġi (fniek u liebri) | Għasafar tal-kaċċa salvaġġi | Mammali tal-art salvaġġi tal-kaċċa (ħlief għall-ungulati, għas-solipedi u għal-leporidae) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MA | il-Marokk | B | B | B | B | XXX | XXX | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| ME | il-Montenegro | A | A | D | A | D | D | A | D | D | XXX | A | XXX | XXX |
| MG | il-Madagaskar | B | B | B | B | D | D | A | B | B | XXX | A | D | XXX |
| ▼M34 | | | | | | | | | | | | | | |
| MK | L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (**) | A | A | B | A | A | XXX | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| ▼M4 | | | | | | | | | | | | | | |
| MU | il-Mawrizju | B | B | B | B | XXX | XXX | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| ▼M28 | | | | | | | | | | | | | | |
| MX | Il-Messiku | A | D | D | A | D | D | A | D | D | XXX | A | D | XXX |
| ▼M4 | | | | | | | | | | | | | | |
| MY | il-Malasja MY | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| | il-Malasja MY-1 | XXX | XXX | XXX | XXX | D | D | A | XXX | XXX | XXX | A | D | XXX |
| NA | in-Namibja ([1]) | B | B | B | B | D | A | A | B | B | A | A | D | XXX |
| NC | il-Kaledonja Ġdida | A | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | A | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| NZ | in-New Zealand | A | A | A | A | A | A | A | A | A | XXX | A | A | A |
| ▼M30 | | | | | | | | | | | | | | |
| PM | Saint Pierre u Miquelon | XXX | XXX | XXX | XXX | D | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| ▼M4 | | | | | | | | | | | | | | |
| PY | il-Paragwaj | C | C | C | B | XXX | XXX | A | C | C | XXX | A | XXX | XXX |
| RS | is-Serbja (***) | A | A | D | A | D | D | A | D | D | XXX | A | XXX | XXX |

▼M4

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu | 1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija (ħlief għall-ħnieżer) | Annimali domestiċi ovini / kaprini | 1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer) | Annimali domestiċi solipedi | 1. Tajr 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħlief għar-ratiti) | Annimali ratiti mrobbija | Fniek domestiċi u liebri mrobbija | Annimali tal-kaċċa salvaġġi (minbarra l-ħnieżer) | Ħnieżer salvaġġi | Annimali salvaġġi solipedi | Leporidae salvaġġi (fniek u liebri) | Għasafar tal-kaċċa salvaġġi | Mammali tal-art salvaġġi tal-kaċċa (ħlief għall-ungulati, għas-solipedi u għal-leporidae) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼M17 | | | | | | | | | | | | | | |
| RU | Ir-Russja RU | XXX | XXX | XXX | XXX | A | XXX | A | C | C | XXX | A | XXX | A |
| | Ir-Russja (3) RU-1 | C | C | C | B | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| | Ir-Russja RU-2 | C jew D1 | C jew D1 | C | B | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| ▼M4 | | | | | | | | | | | | | | |
| SG | Singapor | B | B | B | B | D | D | A | B | B | XXX | A | XXX | XXX |
| SZ | is-Sważiland | B | B | B | B | XXX | XXX | A | B | B | A | A | XXX | XXX |
| TH | it-Tajlandja | B | B | B | B | A | A | A | B | B | XXX | A | D | XXX |
| TN | it-Tuneżija | C | C | B | B | A | A | A | B | B | XXX | A | D | XXX |
| TR | it-Turkija | XXX | XXX | XXX | XXX | D | D | A | XXX | XXX | XXX | A | D | XXX |
| ▼M32 | | | | | | | | | | | | | | |
| UA | L-Ukrajna UA | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | A | XXX | XXX | XXX | A | XXX | XXX |
| | L-Ukrajna UA-1 | XXX | XXX | XXX | XXX | A | A | A | XXX | XXX | XXX | A | A | XXX |
| | L-Ukrajna UA-2 | XXX | XXX | XXX | XXX | D | D | A | XXX | XXX | XXX | A | D | XXX |
| ▼M22 | | | | | | | | | | | | | | |
| US | L-Istati Uniti US | A | A | A | A | XXX | XXX | A | A | A | XXX | A | XXX | XXX |
| | L-Istati Uniti US-1 | A | A | A | A | A | A | A | A | A | XXX | A | A | XXX |
| | L-Istati Uniti US-2 | A | A | A | A | D | D | A | A | A | XXX | A | D | XXX |
| ▼M4 | | | | | | | | | | | | | | |
| UY | l-Urugwaj | C | C | B | A | D | A | A | XXX | XXX | XXX | A | D | XXX |

▼**M4**

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu | 1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija (ħlief għall-ħnieżer) | Annimali domestiċi ovini / kaprini | 1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer) | Annimali domestiċi solipedi | 1. Tajr 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħlief għar-ratiti) | Annimali ratiti mrobbija | Fniek domestiċi u liebri mrobbija | Annimali tal-kaċċa salvaġġi (minbarra l-ħnieżer) | Ħnieżer salvaġġi | Annimali salvaġġi solipedi | Leporidae salvaġġi (fniek u liebri) | Għasafar tal-kaċċa salvaġġi | Mammali tal-art salvaġġi tal-kaċċa (ħlief għall-ungulati, għas-solipedi u għal-leporidae) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼**M34** ZA | L-Afrika t'Isfel | C | C | C | A | D | D | A | C | C | A | A | D | XXX |
| ▼**M7** ______ | | | | | | | | | | | | | | |
| ▼**M34** ZW | Iż-Żimbabwe ([1]) | C | C | B | A | D | D | A | B | B | XXX | A | D | XXX |

▼**M4**

([1]) Ara l-Parti 3 ta' dan l-Anness għar-rekwiżiti minimi ta' trattament li japplikaw għall-prodotti tal-laħam u għall-biltong pasturizzati.

([2]) Għall-prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ttrattati ppreparati minn laħam frisk miksub minn annimali maqtula wara l- 1 ta' Marzu 2002.

►**M11** ([3]) Biss għat-tranżitu mill-Unjoni. ◄

(*) Skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli.

(**) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tkun miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

(***) Ma jinkludix il-Kosovo kif definit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

►**M21** (****) Minn hawn 'il quddiem mifhum bhala l-Istat tal-Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li jinsabu taħt l-Amministrazzjoni tal-Iżrael sa minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent. ◄

XXX L-ebda ċertifikat ma hu stabbilit, u prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati li fihom il-laħam ta' din l-ispeċi mhumiex awtorizzati.

▼M3

## PARTI 3

**Il-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li mhumiex awtorizzati għal ċerti speċji taħt ir-reġim ta' trattament mhux speċifiku (A) iżda minn fejn hija awtorizzata l-importazzjoni fil-Komunità tal-biltong/jerky u tal-prodotti tal-laħam pasturizzat**

| KoDiċi ISO | Pajjiż l-oriġini jew parti minnu | 1. Annimal bovin domestiku<br>2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija (ħlief il-qżieqeż) | Annimali domestiċi ovini/ kaprini | 1. Annimal porċin domestiku<br>2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija (qżieqeż) | Annimali domestiċi bid-difer sħiħ | 1. Tjur<br>2. Tjur tal-kaċċa mrobbija | Għasafar li ma jtirux | Fniek domestiċi u liebri mrobbija | Annimali tal-kaċċa salvaġġi tad-dwiefer mifruqa (minbarra l-qżieqeż) | Ħnieżer salvaġġi | Annimali salvaġġi tad-dwiefer sħaħ | Leporidae salvaġġi (fniek u liebri) | Għasafar tal-kaċċa salvaġġi | Mammali tal-art salvaġġi tal-kaċċa (minbarra l-mammali bid-difer mgħawweġ, dawk bid-difer sħiħ u l-leporidae) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AR | L-Arġentina - AR | F | F | XXX | XXX | XXX | XXX | A | XXX | XXX | XXX | A | XXX | XXX |
| ▼M13 | | | | | | | | | | | | | | |
| BR | Il-Brażil BR-2 | E jew F | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| ▼M3 | | | | | | | | | | | | | | |
| NA | In-Namibja | XXX | XXX | XXX | XXX | E | E | A | XXX | XXX | A | A | E | XXX |
| | In-Namibja NA-1 | E | E | XXX | XXX | E | E | A | XXX | XXX | A | A | E | |
| UY | L-Urugwaj | E | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX | XXX |
| ▼M34 | | | | | | | | | | | | | | |
| ZA | L-Afrika t'Isfel | XXX | XXX | XXX | XXX | D | D | A | XXX | XXX | A | A | D | XXX |
| | L-Afrika t'Isfel ZA-1 | E | E | XXX | XXX | D | D | A | E | XXX | A | A | D | XXX |
| ZW | Iż-Żimbabwe | XXX | XXX | XXX | XXX | D | D | A | XXX | XXX | E | A | D | XXX |

▼M3

*XXX Mhemm l-ebda ċertifikat stipulat u l-importazzjoni fil-Komunità ta' biltong/jerky u prodotti tal-laħam pastorizzat mhijiex awtorizzata sakemm il-pajjiż ma jkunx awtorizzat fil-Parti 2 għat-trattament "A" fuq l-ispeċji relevanti.*

▼B

## PARTI 4

## L-INTERPRETAZZJONI TAL-KODIĊIJIET LI NTUŻAW FIT-TABELLI FIL-PARTIIET 2 U 3

IT-TRATTAMENTI LI JISSEMMEW FL-ANNESS I

*It-trattament mhux speċifiku:*

A = L-ebda temperatura minima speċifikata jew trattament ieħor ma huma stabbiliti għall-finijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-prodotti tal-laħam u għall-istonku, il-bużżieqa ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati. Madankollu, il-laħam ta' prodotti tal-laħam bħal dawn kif ukoll ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u ta' l-imsaren ittrattati jrid ikun għadda minn trattament tali li l-wiċċ maqtugħ tiegħu juri li m'għadx għandu l-karatteristiċi ta' laħam frisk u l-laħam frisk użat irid jissodisfa wkoll ir-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-esportazzjonijiet tal-laħam frisk fil-Komunità.

*It-trattamenti speċifiċi elenkati bl-aktar trattament iebes jissemma l-ewwel:*

B = Trattament f'kontenitur issiġillat ermetikament għal valur ta' $F_o$ ta' tlieta jew aktar.

C = Temperatura minima ta' 80 °C li trid tintlaħaq fil-laħam kollu kif ukoll/jew fl-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u fl-imsaren matul l-ipproċessar tal-prodott tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati.

D = Temperatura minima ta' 70 °C li trid tintlaħaq fil-laħam kollu kif ukoll/jew fl-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u fl-imsaren matul l-ipproċessar tal-prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u ta' l-imsarem ttrattati, jew għal laħam mhux ipproċessat, trattament li jikkonsisti minn fermentazzjoni naturali u maturazzjoni ta' mhux inqas minn disa' xhur u li jirriżulta f'dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

— Valur $A_w$ ta' mhux aktar minn 0.93,

— Valur pH ta' mhux aktar minn 6.0.

▼M17

D1 = Is-sajran tajjeb ta' laħam, bl-għadam u bix-xaħam imneħħi minn qabel, soġġett għat-tisħin sabiex tinżamm temperatura interna ta' 70 °C jew akbar għal minimu ta' 30 minuta.

▼B

E = Fil-każ ta' prodotti tat-tip biltong, trattament biex jinkisbu:

— Valur $A_w$ ta' mhux aktar minn 0.93,

— Valur pH ta' mhux aktar minn 6.0.

F = Trattament bis-sħana li jiżgura li tintlaħaq temperatura tal-qalba ta' mill-inqas 65 °C għal perjodu ta' żmien kif ikun meħtieġ biex jintlaħaq valur tal-pasturizzazzjoni (pv) daqs jew akbar minn 40.

▼M18

*ANNESS III*

**Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u pubblika għal ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati maħsubin għal konsenja lejn l-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi**

**PAJJIŻ:** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

| | |
|---|---|
| I.1. Konsenjatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż<br>Nru tat-telefown | I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat / I.2.a. In-numru ta' referenza TRACES<br>I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. L-awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż<br>Nru tat-telefown | I.6. Il-persuna responsabbli mill-konsenja fl-UE |
| I.7. Il-pajjiż tal-oriġini — Kodiċi ISO / I.8. Ir-reġjun tal-oriġini — Kodiċi | I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO / I.10. Ir-reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi |
| I.11. Il-post tal-oriġini<br>Isem — In-numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Il-post tad-destinazzjoni |
| I.13. Il-post tat-tagħbija<br>Indirizz — In-numru tal-approvazzjoni | I.14. Id-data tat-tluq |
| I.15. Il-mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Dokument | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. In-numru/i tas-CITES |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)<br>I.20. Il-kwantità |
| I.21. It-temperatura tal-prodotti<br>Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Friżati ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. In-numru tas-siġill/tal-kontejner | I.24. Tip ta' imballaġġ |
| I.25. Il-prodotti ċċertifikati:<br>Għall-konsum mill-bniedem ☐ | |
| I.26. Għat-tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ |

I.28. Identifikazzjoni tal-komodità

| Speċi (isem xjentifiku) | Natura tal-komodità | Biċċerija | Impjant tal-manifattura | Maħżen kiesaħ | Għadd ta' pakketti | Tip ta' imballaġġ | Piż nett (kg) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

▼M18

PAJJIŻ

**Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal** | II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali li ismi jidher imniżżel hawn taħt, niċċertifika li:

II.1.1. Il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati ([1]) deskritt f'dan iċ-ċertifikat fihom dawn il-komponenti tal-laħam u jissodisfa l-kriterji indikati hawn isfel:

| Speċi (A) | Trattament (B) | Oriġini (C) |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |

(A) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċi rilevanti tal-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati, fejn BOV = annimali bovini domestiċi (*Bos Taurus, Bison bison, Bubalus bubalis* u r-razez imħallta tagħhom); OVI = nagħaġ domestiċi (*Ovis aries*) u mogħoż domestiċi (*Capra hircus*); EQI = annimali ekwini domestiċi (*Equus caballus, Equus asinus* u r-razez imħallta tagħhom), POR = annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*); RAB = fniek domestiċi, PFG = tajr domestiku u annimali bir-rix imrobbijin fl-irziezet, RUF = annimali mrobbijin fl-irziezet li mhumiex domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; RUW = annimali selvaġġi li mhumiex domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; SUW = suidae selvaġġi li mhumiex domestiċi; EQW = solipedi selvaġġi li mhumiex domestiċi; WLP = lagomorfi selvaġġi; WGB = għasafar tal-kaċċa selvaġġi.

(B) Daħħal A, B, C, D, E jew F għat-trattament meħtieġ kif jispeċifikaw u jiddefinixxu l-Partijiet 2, 3 u 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

(C) Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-oriġini u, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-komponenti tal-laħam rilevanti, ir-reġjun kif tindika l-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

([2]) II.1.2. Il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati, deskritt fil-punt II.1.1 tħejja minn laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi (*Bos Taurus, Bison bison, Bubalus bubalis* u r-razez imħallta tagħhom); nagħaġ domestiċi (*Ovis aries*) u mogħoż domestiċi (*Capra hircus*); annimali ekwini domestiċi (*Equus caballus, Equus asinus* u r-razez imħallta tagħhom), annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*); annimali mrobbijin fl-irziezet mhux domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; annimali selvaġġi mhux domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; is-suidae selvaġġi mhux domestiċi, is-solipedi selvaġġi mhux domestiċi u l-laħam frisk użat fil-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam li:

([2]) *jew* [II.1.2.1. għadda minn trattament mhux speċifiku kif jispeċifika u jiddefinixxi l-punt A tal-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, u

([2]) *jew* [II.1.2.1.1. jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u pubblika stipulati fiċ-ċertifikat(i) xieraq/xierqa tas-saħħa fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u li joriġina minn pajjiż terz jew parti minnu fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif tiddeskrivi l-kolonna rilevanti tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE].

([2]) *inkella* [II.1.2.1.1. joriġina minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea].

([2]) *inkella* [II.1.2.1. jissodisfa rekwiżiti miftiehma fid-Direttiva 2002/99/KE, joriġina minn annimali li ġejjin minn stabbiliment mhux soġġett għal restrizzjonijiet għall-mard speċifiku li jissemma fiċ-ċertifikat(i) tas-saħħa xieraq/xierqa fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u f'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' mard ta' din ix-xorta fl-aħħar 30 jum u għadda mit-trattament speċifiku stabbilit fil-pajjiż terz tal-oriġini jew f'parti minnu għal-laħam tal-ispeċijiet konċernati fil-Parti 2 jew 3, skont kif inhu xieraq, tal-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE].

([2]) II.1.3. Il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren deskritt fil-punt II.1.1 tħejja minn laħam frisk ta' tjur domestiku, inklużi għasafar selvaġġi jew imrobbijin fl-irziezet li:

([2]) *jew* [II.1.3.1. għadda minn trattament mhux speċifiku kif jispeċifika u jiddefinixxi l-punt A tal-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE] u:

([2]) *jew* [II.1.3.1.1. jissodisfa r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008],

([2]) *inkella* [II.1.3.1.1. joriġina minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/99/KE],

▼M18

| PAJJIŻ | Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni | |
|---|---|---|
| | II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

(2) *inkella* [II.1.3.1. joriġina minn pajjiż terz li jissemma fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, ġej minn impriżi jew fil-każ tal-għasafar selvaġġi li nqatlu f'territorji f'raġġ ta' 10km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal mill-anqas 30 jum, u għadda minn trattament speċifiku stabbilit għall-pajjiż terz tal-oriġini jew parti minnu għal-laħam tal-ispeċijiet konċernati fil-Parti 2 jew 3, kif xieraq, tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],

(2) *inkella* [II.1.3.1. joriġina minn pajjiż terz li jissemma fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, ġej minn impriżi jew fil-każ tal-għasafar selvaġġi li nqatlu f'territorji f'raġġ ta' 10km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal mill-anqas 30 jum, u għadda minn trattament speċifiku stabbilit li jissemma fil-punt B, C jew D tal-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, diment li dan it-trattament ikun strett aktar minn dak indikat fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni].

(2) [II.1.4. fil-każ ta' prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati li ġej minn laħam frisk tal-lagomorfi u mammiferi tal-art oħra:

jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u pubblika stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009/KE u ġej minn impriża li mhix soġġetta għal restrizzjonijiet minħabba mard tal-annimali li jaffettwa l-annimali konċernati f'raġġ ta' 10km fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' mard ta' din ix-xorta fl-aħħar 30 jum].

II.1.5. il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati:

(2) *jew* II.1.5.1. [jikkonsisti minn laħam u/jew prodotti tal-laħam li ġejjin minn speċi waħda u għadda mit-trattament li jissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],

(2) *inkella* II.1.5.1. [jikkonsisti minn laħam ta' aktar minn speċi waħda u, wara li dan il-laħam tħallat, il-prodott sħiħ sussegwentement għadda minn trattament strett għall-inqas daqs dak meħtieġ għall-komponenti tal-laħam tal-prodott tal-laħam kif stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],

(2) *inkella* II.1.5.1. [tħejja minn laħam ta' aktar minn speċi waħda u kull komponent tal-laħam u qabel ma tħallat ikun għadda minn trattament li jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tat-trattament għal laħam ta' dik l-ispeċi kif stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],

II.1.6. wara t-trattament ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni

(2) [II.1.7. Garanziji addizzjonali:

fil-każ tal-prodotti tal-laħam tat-tjur li ma għaddewx minn trattament speċifiku u huma destinati għal Stati Membri jew għal reġjuni tagħhom, li l-istatus tagħhom jitqies bħala bla tilqim kontra l-marda Newcastle skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/158/KE, il-laħam tat-tjur ġej minn tjur li ma tlaqqamx b'vaċċin ħaj kontra l-marda ta' Newcastle fit-30 jum qabel it-tbiċċir],

(2) II.2. **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jien, li ismi jidher imniżżel hawn taħt, niddikjara li naf sew id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 u niċċertifika li l-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati, deskritti hawn fuq ġew prodotti skont dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.2.1. ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

II.2.2. ġew prodotti minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsimiet I sa VI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

►(1) (2) *jew* [II.2.3.1. il-prodotti tal-laħam ġew mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi li jew kien soġġett għal eżami tat-trichinosis b'riżultati negattivi jew kien soġġett għal trattament ta' tkessieħ skont ir-Regolament (KE) Nru 2075/2005;]

(2)(6) *jew* [II.2.3.1. il-prodotti tal-laħam ġew mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi li jew ġej minn annimali porċini domestiċi li ġejjin minn razzett rikonoxxut uffiċjalment bħala li qed japplika kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni b'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005, jew minn annimali porċini domestiċi li mhumiex miftuma u li għandhom età ta' inqas minn 5 ġimgħat;] ◄

(2) II.2.3.2. il-prodotti tal-laħam ġew minn laħam taż-żiemel jew minn laħam tal-ħanżir selvaġġ li kien soġġett għal eżaminazzjoni tat-triċinożi b'riżultati negattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 2075/2005;

(2) II.2.3.3. l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati ġew prodotti skont it-Taqsima XIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

II.2.4. ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.2.5. it-tikketta/i mwaħħlin mal-imballaġġ tal-prodotti tal-laħam deskritti hawn, għandhom fuqhom marka li tgħid li l-prodotti tal-laħam ġejjin kollha minn laħam frisk ta' annimali li nqatlu f'biċċerij approvati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea jew ta' annimali li nqatlu f'biċċerija indikata għall-konsenja tal-laħam għat-trattament meħtieġ kif stabbilit fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE;

►(1) M19

▼M18

PAJJIŻ

**Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni**

| II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|

II.2.6. jissodisfaw il-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;

II.2.7. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom u li taw il-pjanijiet dwar ir-residwi mressqa skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha;

II.2.8. il-mezzi tat-trasport u l-kundizzjonijiet għat-tagħbija għall-prodotti tal-laħam f'din il-konsenja jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iġjene stabbiliti għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea;

►(1) (2) II.2.9. jekk ikun fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini, il-prodotti tal-laħam u l-imsaren ittrattati huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin skont il-kategorija tar-riskju tal-BSE tal-pajjiż tal-oriġini:

(2) *jew* [(1) il-pajjiż jew ir-reġjun tad-dispaċċ huwa klassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju negliġibbli ta' BSE;

(2) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina kellhom riżultati tal-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* favorevoli;

(2) *jew* [(3) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina:

(a) twieldu u dejjem trabbew u nqatlu f'pajjiż jew f'reġjun klassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju negliġibbli ta' BSE;

(2) [(b) inqatlu wara li ġew sturduti permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali jew ġew maqtula bl-istess mod jew inqatlu permezz ta' laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema newrali ċentrali permezz ta' strument forma ta' virga mtawwla li tiddaħħal fil-kavità kranjali;]]

(2) *jew* [(3) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma ġewx maqtula, wara li ġew sturduti, b'gass injettat fil-kavità kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema newrali ċentrali permezz ta' strument forma ta' virga mtawwla li tiddaħħal fil-kavità kranjali;]

(4) il-prodotti tal-laħam ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal riskjuż speċifikat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(2) *jew* [(5) il-prodotti tal-laħam ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat b'metodi mekkaniċi li ġej mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]

(2) *jew* [(5) il-prodotti tal-laħam ta' oriġini bovina, ovina u kaprina huma derivati minn laħam separat b'metodi mekkaniċi li ġej mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini li twieldu u dejjem trabbew u nqatlu f'pajjiż jew f'reġjun klassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju negliġibbli ta' BSE u li fih ma kienx hemm każijiet indiġeni ta' BSE;]

(2) [(6) (a) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina joriġinaw minn pajjiż jew reġjun klassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju mhux determinat ta' BSE;

(b) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma ġewx mitmugħa dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun jew qrieqeċ, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), u

(c) il-prodotti tal-laħam ġew prodotti u mmaniġġjati b'mod li jiżgura li ma kienx fihom u li ma ġewx kontaminati b'tessuti newrali u limfatiċi esposti matul il-proċess ta' dissussar.]]

(2) *jew* [((1) il-pajjiż jew ir-reġjun tad-dispaċċ huwa klassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju kontrollat ta' BSE;

(2) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina kellhom riżultati tal-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* favorevoli;

(3) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma ġewx maqtula, wara li ġew sturduti, permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut tas-sistema newrali ċentrali permezz ta' strument forma ta' virga mtawwla li tiddaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali;

(4) il-prodotti tal-laħam ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal riskjuż speċifikat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat b'metodi mekkaniċi li ġej mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(2)(4) [(5) fil-każ ta' msaren li oriġinarjament ġejjin minn pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli ta' BSE, l-imsaren ittrattati huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali li minnhom ġew derivati l-imsaren ta' oriġini bovina, ovina u kaprina twieldu u dejjem trabbew u nqatlu f'pajjiż jew f'reġjun b'riskju negliġibbli ta' BSE u kellhom riżultati tal-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* favorevoli;

(b) għall-intestini li ġejjin minn pajjiż jew reġjun fejn kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE:

(2) *jew* [((i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq l-alimentazzjoni tar-ruminanti bid-dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun jew qrieqeċ derivati mir-ruminanti;]

(2) *jew* [((i) il-prodotti tal-laħam ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal riskjuż speċifikat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]]◄

►(1) M33

▼M18

| PAJJIŻ | **Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni** |
|---|---|
| | II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat / II.b. |

►(2) (2) *jew* [(1) il-pajjiż jew ir-reġjun tad-dispaċċ ma ġiex klassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE jew huwa klassifikat bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju mhux determinat ta' BSE;

(2) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina kellhom riżultati tal-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* favorevoli;

(3) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma ġewx mitmugħa dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun jew qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE;

(4) l-annimali li minnhom ġew derivati l-laħam frisk u l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u tal-imsaren ittrattati ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma ġewx maqtula, wara li ġew sturduti, permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut tas-sistema newrali ċentrali permezz ta' strument forma ta' virga mtawwla li tiddaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali;

(5) il-prodotti tal-laħam ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma fihomx u mhumiex derivati minn:

(a) materjal ta' riskju speċifikat kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) tessuti newrali u limfatiċi esposti matul il-proċess tat-tneħħija ta' dissussar;

(c) laħam separat b'metodi mekkaniċi li ġej mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini;

(2)(4) [(6) fil-każ ta' msaren li oriġinarjament ġejjin minn pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli ta' BSE, l-imsaren ittrattati huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali li minnhom ġew derivati l-imsaren ta' oriġini bovina, ovina u kaprina twieldu u dejjem trabbew u nqatlu f'pajjiż jew f'reġjun b'riskju negliġibbli ta' BSE u kellhom riżultati tal-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* favorevoli;·

(b) għall-intestini li ġejjin minn pajjiż jew reġjun fejn kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE:

(2) *jew* [(i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq l-alimentazzjoni tar-ruminanti bid-dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun jew qrieqeċ derivati mir-ruminanti;]

(2) *jew* [(i) il-prodotti tal-laħam ta' oriġini bovina, ovina u kaprina ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal riskjuż speċifikat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]]◄

►(1) (2) II.2.10. jekk ikun fihom materjal minn annimali ekwini domestiċi, il-laħam frisk, l-istonkijiet, il-bżieżaq tal-awrina jew l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u/jew tal-istonkijiet, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati

(2) *jew* [ikun inkiseb/ikunu inkisbu minn annimali ekwini domestiċi li immedjatament qabel il-qatla kienu nżammu għal mill-inqas sitt xhur jew mit-twelid, jekk ikunu nqatlu f'età ta' inqas minn sitt xhur, jew minn meta jkunu ġew importati minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea bħala equidae li jipproduċu l-ikel, jekk ikunu ġew importati inqas minn sitt xhur qabel il-qatla, f'pajjiż terz:

(a) li fih l-amministrazzjoni lil annimali ekwini domestiċi:

(i) ta' sustanzi tirostatiċi, stilbeni, derivattivi tal-istilbeni, l-imluħ u l-esteri tagħhom, l-estradjol 17β u d-derivattivi tagħha li jixbhu l-esteri huma pprojbiti;

(ii) ta' sustanzi oħra li għandhom azzjoni estroġenika, androġenika jew ġestoġenika u ta' beta-agonisti hija permessa biss għal:

— trattament terapewtiku kif definit fl-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 96/22/KE, meta jiġi applikat b'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dik id-Direttiva, jew

— trattament żootekniku kif definit fl-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva 96/22/KE, meta jiġi applikat b'konformità mal-Artikolu 5 tal-istess Direttiva; u

(b) li kellu, tal-inqas matul sitt xhur qabel il-qatla tal-annimali, pjan għall-monitoraġġ tal-gruppi ta' residwi u sustanzi msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE li jkopri equidae imwielda fi jew importati lejn il-pajjiż terz u li jkun ġie approvat skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE.]

(2) *u/jew* [ġie importat/ġew importati minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.] ◄

►(1) M31

►(2) M33

▼M18

| PAJJIŻ | Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni | |
|---|---|---|
| | II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

*Noti*

**Parti I:**

— Il-kaxxa I.8.: ir-reġjun (jekk xieraq) kif jidher fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE (kif emendata l-aħħar).

— Il-kaxxa I.11: Il-post tal-oriġini: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-dispaċċ.

— Il-kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid għandha tingħata informazzjoni separata.

— Il-kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt dawn l-intestaturi: 02.10, 16.01, 16.02 u 05. 04.

— Il-kaxxa I.23: Identifikazzjoni tal-kontejner/in-numru tas-siġill: meta japplika biss.

— Il-kaxxa I.28: *Speċijiet*: agħżel fost l-ispeċijiet deskritti fil-Parti II 1.1. (A);

▼M18

**PAJJIŻ** | **Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni**

| II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|

*Natura tal-prodott:* agħżel minn dawn: prodott tal-laħam, stonku, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati;

*Biċċerija:* in-numru tal-approvazzjoni ta' biċċerija jew stabbiliment li jilqa' għasafar maqbuda;

*Maħżen friża:* faċilità tal-ħażna;

*Impjant tal-manifattura:* in-numru tal-approvazzjoni.

**Parti II:**

(1) Prodotti tal-laħam kif stabbilit fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u stonku, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

(2) Żomm skont ir-rilevanza.

►(2) ———— ◄

(4) Dan japplika biss għal importazzjonijiet tal-imsaren ittrattati.

(5) B'deroga mill-punt 3, jistgħu jiġu importati karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi maqtugħa f'mhux iktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u kwarti li ma fihom l-ebda materjal riskjuż speċifikat ħlief il-kolonna vertebrali, inkluża l-ganglija tal-għerq dorsali.

Meta ma jkunx hemm bżonn titneħħa l-kolonna vertebrali, il-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi tal-annimali bovini li fihom il-kolonna vertebrali għandhom jiġu identifikati bi strixxa blu li tkun tidher ċara fuq it-tikketta msemmija fil-punt 11.3(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

Informazzjoni speċifika fuq l-għadd ta' karkassi bovini jew qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi, li għandhom bżonn u li m'għandhom bżonn li titneħħielhom il-kolonna vertebrali, għandhom jiżdiedu mad-dokument msemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004 fil-każ tal-importazzjonijiet.

►(1) (6) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni "K" fil-kolonna "SG" tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010. ◄

Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. L-istess regola tapplika għal timbri oħra ħlief dawk imqabbża jew bil-watermark.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): | Kwalifika u titolu:

Data: | Firma:

Timbru:

►(1) M19

►(2) M33

▼B

*ANNESS IV*

**(Transitu u/jew ħażna)**

PAJJIŻ

Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza / I.2.a<br>I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti<br>I.4. Awtorita lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini / Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun ta' oriġini / Kodiċi | I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni / Kodiċi ISO<br>I.10. |
| I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' ħsad<br>Isem / Numru approvat<br>Indirizz | I.12. Post ta' destinazzjoni<br>Maħżen tad-Dwana ☐ Fornitur tal-vapur ☐<br>Isem / Numru approvat<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post ta' tagħbija | I.14. Data ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. Nru.(Nri) tas-CITES |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)<br>I.20. Numru/Kwantità |
| I.21. Temperatura ta' prodotti<br>Ambjent ☐ Mkessaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' siġill | I.24. Tip ta' ippakkettar |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Konsum uman ☐ | |
| I.26. Għat-transitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br>Pajjiż terz / Kodiċi ISO | I.27. |

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Karatteristiċi tal-komodità | Tip ta' trattament | Biċċerija | Numru ta ' l-approvazzjoni ta ' l-istabbilimenti: Impjant tal-manifattura | Numru ta ' l-approvazzjoni ta ' l-istabbilimenti: Maħżen imkessaħ | Numru ta' pakketti | Piż nett |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

▼B

PAJJIŻ

Prodotti tal-laħam/stonku, bżieżaq ta' l-awrina u msaren ittrattati għat-tranżitu u l-ħażna

Parti II: Ċertifikazzjoni

| | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

## II. Ċertifikazzjoni ta' Saħħet l-Annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali, li ismi jidher imniżżel hawn taħt, b ' dan niċċertifika li l-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati ([1]) għat-transitu u/jew għall-ħażna ([2]) deskritti hawn fuq:

II.1. ġejjin minn pajjiż jew reġjun awtorizzat għall-importazzjonijiet fil-KE kif stipulat fl-Anness II ta' l-2007/777/KE meta nqatlu l-annimali li minnhom ġej il-laħam fil-prodott tal-laħam jew ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati u li

II.2. huma konformi mal-kundizzjonijiet rilevanti ta' saħħet l-annimali kif stipulat fl-attestat tas-saħħa ta' l-annimali fiċ-ċertifikat mudell fl-Anness III ta' l-2007/777/KE

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa ta' referenza I.8.: ir-reġjun (jekk xieraq) kif jidher fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE (kif emendata l-aħħar).

— Kaxxa ta' referenza I.11.: Post ta' l-oriġini: isem u indirizz ta' l-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.15.: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontenitur u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.19: uża l-kodiċi HS xierqa: 02.10, 16.01, 16.02, 05.04.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/siġill: fejn applikabbli biss.

— Kaxxa ta' referenza I.28.:"Speċi": agħżel fost l-ispeċijiet deskritti f' Parti II 1.1. (A);

"Karatteristiċi tal-komodità": agħżel fost dawn li ġejjin: prodott tal-laħam, stonku, bżieżaq ta ' l-awrina jew imsaren ittrattati;

"Tip ta' trattament": speċifika d-deskrizzjoni tat-trattament/i applikat/i kif stipulat fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE (kif emendata l-aħħar);

"Biċċerija": kwalunkwe biċċerija jew "stabbiliment li jżomm it-tjur" ;

"Maħżen imkessaħ": kwalunkwe faċilità ta' ħażna.

**Parti II:**

([1]) Prodotti tal-laħam kif stabbilit fil-punt 7.1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u stonku, bżieżaq ta' l-awrina u msaren ittrattati li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fl-Anness II parti 4 tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

([2]) Skond l-Artikolu 12(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE.

— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tat-test stampat. L-istess regola tapplika għal timbri oħra għajr dawk imqabbża jew tal-marka ta' l-ilma.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b' ittri kbar):

Kwalifika u titlu:

Data:

Firma:

Timbru: